TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/12/21/S

Tommaso Aufieri

vs

Pierre Ciappara eżerċenti l-kummerċ bħala PC Motors

Illum 11 ta' April, 2024

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Tommaso Aufieri ppreżentata fis-26 ta' Jannar, 2021 u r-risposta ta' Pierre Ciappara eżerċenti l-kummerċ bħala PC Motors ippreżentata fit-8 ta' Frar, 2021;

Ra d-dokumenti ppreżentati, sema' lill-partijiet, u t-trattazzjoni tagħhom magħmula waqt is-seduta tas-17 ta' Frar 2022;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda bejgħ ta' mutur illi skont ir-rikorrenti, beda' jagħti l-problemi minn meta inxtara filwaqt li l-intimat ikkonferma illi għamel minn kollox biex jakkomoda bl-aħjar mod possibli lill-istess rikorrenti fl-ilmenti tiegħu;

Illi t-talba tar-rikorrenti hija msejsa fuq l-Artiklu 73 tal-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta u r-rimedju mitlub hu dak li joħroġ mill-Artiklu 76 tal-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi r-rikorrenti irnexxielu jipprova dak minnu allegat u ċioe' li l-mutur in kwistjoni kien difettuż u dawn id-difetti kienu eżistenti minn meta inxtara l-istess mutur;

Illi ghalkemm l-intimat irribatta illi l-problemi kienu problemi minimi, dawn kienu konsistenti u varji, u baqgħu sakemm l-istess rikorrenti iddeċieda li jiggaraxxja lill-istess mutur u ma jużahx iktar;

Illi wieħed ma jistenniex illi konsumatur jixtri xi ħaġa ġdida u din mal-ewwel tibda' tagħtih il-problemi u l-unika konsolazzjoni għall-konsumatur tkun li dawn huma problemi minimi, meta l-istess konsumatur ma jkunx jista' jgawdi l-oġġett minnu mixtri;

Illi jidher li t-tiswijiet magħmula mill-intimat ma solvewx il-problemi imsemmija mill-istess rikorrenti u għalkemm l-intimat għamel ħiltu biex jipprova jakkomoda bl-aħjar mod possibbli lir-rikorrenti, dan ma jeżentax lill-istess intimat mir-responsabbiltajiet tiegħu bħala venditur ta' oġġett li ma setax jitgawda mill-istess konsumatur;

Illi mill-provi imressqa quddiem dan it-Tribunal jirriżulta li hemm lok għal riċessjoni tal-kuntratt ta' bejgħ tal-imsemmi mutur.

Decide

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati, u fiċ-ċirkustanzi tal-każ, u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, t-Tribunal qiegħed Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jilqa' it-talba ta' Tommaso Aufieri, filwaqt li Jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimat Pierre Ciappara eżerċenti l-kummerċ bħala PC Motors u jordna lill-istess Pierre Ciappara eżerċenti l-kummerċ bħala PC Motors biex jirrifondi s-somma ta' elf u seba' mitt Ewro (€1,700) lil Tommaso Aufieri, li għandu min-naħa tiegħu jirritorna l-mutur minnu mixtri, u b'kull parti għandha tħallas l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru